MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 405/2011

A B

-vs-

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:

1. Hija u l-intimat C D kienu iżżewwġu fit-tmienja u għoxrin ta’ Frar tas-sena elfejn u erbgħa (20.02.2004).

2. Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hija unita ma’ dana l-att u markata dokument “A”.

3. Permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat is-sittax ta’ Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (16.07.2007), il-partijiet isseparaw minn xulxin.

4. Kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni hija unita ma' dana l-att u markata dokument "B".

5. Għalhekk ai fini tas-subartikolu 66B(a) tal-Kap XVI, diġà għaddew iktar minn erba' (4) snin mis-separazzjoni legali tal-partijiet.

6. Ai fini wkoll tas-subartikolu suċċitat, jiġi dikjarat ukoll illi il-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien għal iktar minn erba' (4) snin kontinwati.

7. Ai fini tas-subartikolu 66B(b) tal-Kap XVI, jiġi dikjarat illi ma hemm l-ebda prospett raġunevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewwġin, tant illi ir-rikorrenti għandha familja oħra u l-intimat sa fejn taf hi wkoll kellu relazzjonijiet ma' persuni oħra.

8. B'referenza għas-subartikolu 66B(ċ) tal-Kap XVI, jiġi dikjarat illi ma tnisslux ulied miż-żwieġ tal-partijiet.

9. Ai fini wkoll tal-aħħar artikolu suċċitat, jiġi rilevat illi il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jiddisponi fil-klawżola numru tnejn (2) tiegħu illi il-partijiet kienu fuq dak l-att irrinunzjaw għad-dritt reċiproku għall-manteniment.

10. Għalhekk għandu jirriżulta lil dina l-Onorabbli Qorti illi il-kondizzjonijiet disposti mil-liġi li huma pjenament soddisfatti.

Talbet illi l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna konsegwentement lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mogħti għaldaqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzjament tagħha skond l-ewwel talba, sabiex isiru id-debiti reġistrazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li in forza taghha huwa issottometta :

Illi huwa ammess li l-kontendenti kienu zzewgu nhar it-28 ta’ Frar tas-sena 2004;

Illi huwa ammess ukoll illi l-partijiet kienu isseparaw permezz ta’ att pubbliku ta’ separazzjoni konsenswali nhar is-16 ta’ Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Briffa;

Illi huwa ammess ukoll illi l-partijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejniethom kienu rrinunzjaw ghad-dritt reciproku ta’ manteniment fi Klawsola Numru 2;

Illi mhuwiex kontestat lanqas illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn erba’ snin konsekuttivi u ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, anke stante illi l-attrici diga ghandha tlett itfal minn ragel iehor;

Illi ghalhekk huma sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati mill-Ligi;

Illi l-esponenti in vista tas-su espost, ma jopponix ghat-talbiet ta’ martu ghall-hall taz-zwieg tieghu u ta’ martu u l-konsegwenti registrazzjoni fir-Registru Pubbliku;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u il-provi prodotti;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghad-divorzju gew sodisfatti u dana peress illi irrizulta mill-provi illi il-partijiet ilhom separati legalment mis-16 ta’ Lulju 2007 u ilhom jghixu mhux flimkien ghal aktar minn erba’ snin kontinwi;

Illi Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt reciproku ghall-manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom u li ma tlisnux ulied minn dan iz-zwieg;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------